DEĊIŻJONI (UE) 2020/1631 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-22 ta' Ottubru 2020

dwar id-delegazzjoni ta' setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet b'rabta mat-trasmissjoni ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali dwar statistika ekonomika u finanzjarja lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea (Eurostat) (BĊE/2020/53)

Il-kunsill governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 12.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8a tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98, it-trasmissjoni ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali bejn membru tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) li ġabar l-informazzjoni u awtorità tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) tista' sseħħ sakemm dik it-trasmissjoni tkun neċessarja għall-iżvilupp, il-produzzjoni jew id-disseminazzjoni effiċjenti, jew għaż-żieda fil-kwalità, tal-istatistika Ewropea fi ħdan l-isferi ta' kompetenza rispettivi tal-ESS u s-SEBĊ u li din in-neċessità tkun ġiet iġġustifikata.

(2) L-Artikolu 8a tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jeħtieġ li jiddaħħlu fis-seħħ salvagwardji ulterjuri mal-iskambju ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali bejn is-SEBĊ u l-ESS, jiġifieri li kwalunkwe trasmissjoni ulterjuri lil hinn mill-ewwel trasmissjoni għandha tkun awtorizzata b'mod espliċitu mill-awtorità li tkun ġabret l-informazzjoni u li l-informazzjoni statistika kunfidenzjali ma tistax tintuża għal skopijiet oħra għajr għal skopijiet statistiċi, bħal għal skopijiet amministrattivi jew tat-taxxa jew għal proċedimenti legali.

(3) Skont l- Artikolu 20(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), *data* kunfidenzjali miġbura esklużivament għall-produzzjoni ta' statistika Ewropea għandha tintuża mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea (Eurostat) esklużivament għal skopijiet ta' statistika ħlief jekk l-unità statistika tkun tat il-kunsens tagħha b'mod inekwivoku għall-użu tagħha għal xi skopijiet oħrajn. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 20 (4) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, l-Eurostat għandu jieħu l-miżuri kollha regolatorji, amministrattivi, tekniċi u organizzattivi li jkunu meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni fiżika u loġika ta' *data* kunfidenzjali. Fuq din il-bażi, l-Eurostat ikkonferma lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) li se jiżgura l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni statistika trażmessa, li għandha tintuża biss għal skopijiet statistiċi u li m'għandhiex tiġi żvelata ulterjorment. Għaldaqstant, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE ivvaluta li l-Eurostat għandu l-miżuri meħtieġa fis-seħħ sabiex jissalvagwardja l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni statistika kunfidenzjali dwar statistika ekonomika u finanzjarja trażmessa mill-BĊE.

(4) F'Marzu tal-2003, il-BĊE u l-Eurostat ikkonkludew Memorandum ta' Qbil dwar l-istatistika ekonomika u finanzjarja ([3]) (iktar 'il quddiem msejjaħ l-"MtQ dwar l-istatistika ekonomika u finanzjarja") biex jipprovdi, *inter alia*, qafas għall-iskambju u r-riproduzzjoni ta' *data*. It-Taqsima G ta' dak l-MtQ tipprovdi li arranġamenti miftiehma għall-iskambju f'waqtu ta' *data* ser jiġu stipulati fi Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz li jittratta wkoll dwar l-iskambju ta' *data* statistika kunfidenzjali. Għaldaqstant, il-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz (FLS) dwar Skambji ta' *Data* ([4]), li

([1]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87 31.3.2009, p. 164)..

([3]) Memorandum ta' Qbil dwar statistika ekonomika u finanzjarja bejn id-Direttorat Ġenerali Statistika tal-Bank Ċentrali Ewropew (DĠ Statistika) u l-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (Eurostat) (Brussell, l-10 ta' Marzu 2003), MOU/2003/03101.

([4]) Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz (FLS) dwar Skambji ta' Data bejn id-Direttorat Ġenerali għall-Istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew (DĠ Statistika) u l-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (Eurostat) – Anness 2 għall-"Memorandum ta' Qbil dwar statistika ekonomika u finanzjarja bejn l-Eurostat u d-DĠ Statistika (Frar 2008), MOU/2008/02011.

jinsab fl-Anness 2 tal-MtQ dwar l-istatistika ekonomika u finanzjarja u konkluż fi Frar tal-2008, jiddeskrivi r-responsabbiltajiet, il-modalitajiet u l-mezzi rispettivi għal skambji ta' *data* bejn id-Direttorat Ġenerali għall-Istatistika tal-BĊE u l-Eurostat. L-Appendiċi 1 ta' dak l-FLS jistabbilixxi speċifikament l-informazzjoni statistika li għandha tiġi kondiviża bejn l-Eurostat u l-BĊE. Dik l-informazzjoni statistika tinkludi, iżda mhijiex limitata għal: statistika dwar il-kontijiet finanzjarji trimestrali; statistika dwar partiti tal-karta tal-bilanċ ta' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM); statistika dwar ir-rati tal-imgħax tal-IFM; u statistika esterna miġbura fuq il-bażi tal-Linja Gwida BĊE/2013/24 ([5]), ir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/33) ([6]), ir-Regolament (UE) Nru 1072/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/34) ([7]) u l-Linja Gwida BĊE/2011/23 ([8]), rispettivament.

(5) Sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet b'rabta ma' deċiżjonijiet dwar it-trasmissjoni ta' informazzjoni statistika ekonomika u finanzjarja kunfidenzjali lill-Eurostat għal-finijiet tal-MtQ dwar l-istatistika ekonomika u finanzjarja, u deċiżjonijiet dwar kwalunkwe emendi għall-FLS dwar Skambji ta' *Data* li jistgħu jkunu meħtieġa għat-trażmissjoni lill-Eurostat ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali, jenħtieġ li tiġi permessa d-delegazzjoni ta' ċerti setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet, kif stipulat f'din id-deċiżjoni ta' delega. Id-deċiżjoni ddelegata dwar it-trasmissjoni ta' informazzjoni statistika ekonomika u finanzjarja kunfidenzjali lill-Eurostat tinkludi informazzjoni fil-livell tal-UE, taż-żona tal-euro u dak nazzjonali, kif ukoll kontribuzzjonijiet nazzjonali skont l-atti legali tal-BĊE.

(6) Skont l-Artikolu 12.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Centrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv jista' jiddeċiedi li jiddelega ċerti setgħat lill-Bord Eżekuttiv.

(7) Skont il-prinċipji ġenerali dwar id-delegazzjoni kif żviluppati u kkonfermati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, id-delegazzjoni ta' setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet għandha tkun limitata, proporzjonata u bbażata fuq kriterji speċifikati. Fid-dawl tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8a tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 li japplikaw għal kull trasmissjoni ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali lill-Eurostat u l-limitazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għat-trasmissjonijiet ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali għall-finijiet tal-MtQ dwar l-istatistika ekonomika u finanzjarja, id-deċiżjonijiet delegati li għandhom jittieħdu huma ta' natura teknika aktar milli politika li jfisser li l-kriterji għad-delegazzjoni għandhom jibqgħu relattivament ġenerali.

(8) Meta l-kriterji għall-adozzjoni ta' deċiżjoni ddelegata ma jkunux sodisfatti, deċiżjonijiet dwar it-trasmissjoni ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali lill-Eurostat għandhom jiġu adottati mill-Kunsill Governattiv fuq proposta mill-Bord Eżekuttiv,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "informazzjoni statistika kunfidenzjali" tfisser informazzjoni statistika kunfidenzjali kif iddefinita fil-punt (12) tal-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98;

2. "deċiżjoni ddelegata" tfisser deċiżjoni meħuda fuq il-bażi ta' delegazzjoni ta' setgħat mill-Kunsill Governattiv skont din id-deċiżjoni.

3. "MtQ dwar statistika ekonomika u finanzjarja" tfisser il-Memorandum ta' Qbil dwar statistika ekonomika u finanzjarja bejn id-Direttorat Ġenerali għall-Istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew (DĠ Statistika) u l-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (Eurostat), konkluż fl-10 ta' Marzu 2003;

4. "FLS dwar Skambji ta' *Data*" tfisser il-Ftehim dwar il-Livell tas-Servizz (FLS) dwar Skambji ta' *Data* bejn il-Bank Ċentrali Ewropew (DĠ Statistika) u l-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (Eurostat), konkluż fi Frar tal-2008, kif emendat minn żmien għal żmien skont it-terimini tiegħu, li jifforma l-Anness 2 tal-MtQ dwar l-istatistika ekonomika u finanzjarja.

([5]) Linja gwida BĊE/2013/24 tal-25 ta' Lulju 2013 dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar tal-istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji trimestrali (ĠU L 2, 7.1.2014, p. 34).

([6]) Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Settembru 2013 dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/33) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 1).

([7]) Regolament (UE) Nru 1072/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Settembru 2013 dwar statistika fuq rati ta' imgħax applikati minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/34) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 51).

([8]) Linja Gwida BĊE/2011/23 tad-9 ta' Diċembru 2011 dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-istatistika esterna (ĠU L 65, 3.3.2012, p. 1).

Artikolu 2

Trasmissjoni ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali lill-Eurostat

1. Il-Kunsill Governattiv bil-preżenti jiddelega lill-Bord Eżekuttiv is-setgħa li jiddeċiedi dwar it-trażmissjoni lill-Eurostat ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-MtQ dwar l-istatistika ekonomika u finanzjarja.

2. Deċiżjoni dwar it-trasmissjoni ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali mill-BĊE lill-Eurostat kif deskritt fil-paragrafu 1 għandha tiġi adottata biss permezz ta' deċiżjoni ddelegata jekk ikunu sodisfatti l-kriterji għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet iddelegati kif stipulati fl-Artikolu 4.

Artikolu 3

Emendi għall-FLS dwar Skambji ta' *Data*

1. Il-Kunsill Governattiv bil-preżenti jiddelega lill-Bord Eżekuttiv is-setgħa li jiddeċiedi dwar emendi lill-FLS dwar Skambji ta' *Data* sal-grad meħtieġ għat-trażmissjoni lill-Eurostat tal-informazzjoni statistika kunfidenzjali msemmija fl-Artikolu 2(1).

2. Deċiżjoni dwar l-emenda għall-FLS dwar Skambji ta' *Data* sal-grad meħtieġ għat-trasmissjoni lill-Eurostat tal-informazzjoni statistika kunfidenzjali msemmija fl-Artikolu 2(1), kif deskritt fil-paragrafu 1, għandha tiġi adottata biss permezz ta' deċiżjoni ddelegata jekk il-kriterji għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet iddelegati kif stipulat fl-Artikolu 4 ikunu ssodisfati.

Artikolu 4

Kriterji għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet iddelegati dwar it-trasmissjoni ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali lill-Eurostat u dwar emendi għall-FLS dwar l-Iskambju ta' *Data*

1. Deċiżjoni dwar it-trasmissjoni ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali msemmija fl-Artikolu 2(1) lill-Eurostat jew dwar emendi lill-FLS dwar Skambji ta' *Data* skont l-Artikoli 2 u 3, rispettivament, għandha tittieħed biss permezz ta' deċiżjoni ddelegata meta din it-trasmissjoni tkun meħtieġa għall-iżvilkupp, il-produzzjoni jew id-disseminazzjoni effiċjenti, jew għaż-żieda tal-kwalità, ta' statistika ekonomika u finanzjarja Ewropea u fejn din il-ħtieġa tkun ġiet iġġustifikata debitament. L-informazzjoni statistika kunfidenzjali msemmija fl-Artikolu 2(1) li għandha tintbagħat lill-Eurostat trid tkun adegwata, relevanti u mhux eċċessiva fid-dawl tal-kompiti tiegħu.

2. Deċiżjoni dwar it-trasmissjoni ta' informazzjoni statistika Ewropea msemmija fl-Artikolu 2(1) tal-Eurostat jew dwar emendi għall-FLS dwar Skambji ta' *Data* skont l-Artikoli 2 u 3, rispettivament, għandha tittieħed biss permezz ta' deċiżjoni ddelegata fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-informazzjoni tkun meħtieġa sabiex l-Eurostat ikun jista' jiżgura kumpilazzjoni sinifikanti ta' statistika ekonomika u finanzjarja Ewropea jew sabiex tiġi vvalutata l-kwalità tal-kontribuzzjonijiet għall-aggregati ta' dik l-istatistika;

(b) l-Eurostat jaqbel li jikseb awtorizzazzjoni minn qabel għal kwalunkwe trażmissjoni ulterjuri lil hinn mill-ewwel trasmissjoni ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali msemmija fl-Artikolu 2(1);

(c) it-talba tinkludi informazzjoni li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-MtQ dwar l-istatistika ekonomika u finanzjarja; u,

(d) it-trażmissjoni ta' din l-informazzjoni ma tkunx ta' preġudizzju għat-twettiq tal-kompiti tas-SEBĊ.

Il-Kumitat tal-Istatistika tas-SEBĊ għandu jipprovdi lill-Bord Eżekuttiv b'valutazzjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu ġewx issodisfati.

3. Il-Kunsill Governattiv għandu jiġi nnotifikat fil-mument propizju dwar kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-Bord Eżekuttiv skont l-Artikoli 2 u 3.

4. Meta wieħed jew aktar mill-kriterji għall-adozzjoni ta' deċiżjoni ddelegata, kif sipulat fil-paragrafi 1 u/jew 2 ma jkunux issodisfati, deċiżjonijiet dwar it-trasmissjoni ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali msemmija fl-Artikolu 2(1) lill-Eurostat u dwar emendi lill-FLS dwar l-Isakmbji ta' *Data* sal-grad meħtieġ għat-trasmissjoni lill-Eurostat tal-informazzjoni statistika kunfidenzjali msemmija fl-Artikolu 2(1) għandhom jiġu adottati mill-Kunsill Governattiv fuq proposta mill-Bord Eżekuttiv.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Gurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-22 ta' Ottubru 2020.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE